

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9953 — CalSTRS/Altitude Group/AI THD)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 338/06)

1. Fil-5 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Golden VinzClortho (“GVC”, l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn CalSTRS (l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Altitude Infrastructure Holding (“AIH”, Franzja), ikkontrollata minn Altitude SAS, il-kumpanija li tikkontrolla tal-Altitude Group (Franzja),
- Altitude Infrastructure THD (“AI THD”, Franzja).

GVC u AIH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' AI THD.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġidida li tikkostitwixxi impiżja konguṇta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- GVC: fond ta' investiment ikkontrollat minn CalSTRS, li huwa investitur passiv tal-ekwità u fond tal-pensjoni Amerikan li jipprovdha beneficiċċi tal-irtirar, tad-diżabilità u tas-superstitioni lill-edukaturi tal-iskejjel pubbliċi ta' California mill-prekindergarten sal-kulleġġ tal-komunità,
- AIH: il-kumpanija azzjonarja tal-attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet bl-ingrossa tal-Altitude Group,
- AI THD: kumpanija Franċiża attiva fis-settur tal-iżvilupp tal-fibri fi Franzja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spesifikata:

M.9953 — CalSTRS/Altitude Group/AI THD

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.